



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 2.2.2015  
COM(2015) 38 final

2015/0024 (NLE)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**dwar is-sospensjoni ta' dazji doganali applikabbli għal importazzjonijiet ta' ċerti żjut  
tqal u prodotti simili oħra**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-għan ta' din il-proposta għal Regolament tal-Kunsill huwa s-sospensjoni tad-dazji awtonomi tat-tariffa doganali komuni fuq ċerti oġġetti mniżżla fil-Kapitlu 27 (żjut tqal), li bħalissa huma kklassifikati taħt il-kodiċi NM 2707 99 99.

Skont in-Nota 2 tal-Kapitolu 27, żjut li l-piż tal-kostitwenti mhux aromatiċi tagħhom jaqbeż dak tal-kostitwenti aromatiċi, jaqgħu taħt l-intestatura 2710, u għaldaqstant il-prodotti jgawdu minn eżenzjoni mid-dazju, meta jgħaddu minn xi proċess speċifiku. Madankollu, żjut li l-piż tal-kostitwenti aromatiċi tagħhom jaqbeż dak tal-kostitwenti mhux aromatiċi, minn April 2013 għandhom jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 2707 (CN 2707 99 9) u, għaldaqstant, huma soġġetti għal rata ta' dazju ta' 1,7%.

Il-karatteristiċi tekniċi tal-prodotti kkonċernati huma elenkati fin-Noti ta' Spjegazzjoni għan-Nomenklatura Magħquda<sup>1</sup> tas-subintestaturi 2707 99 91 u 2707 99 99; dawn in-noti ġew emendati f'April 2013 sabiex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti koperti mill-intestatura 2710 u biex titneħħa kontradizzjoni bejn in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u n-Nota 2 tal-Kapitolu 27. Għaldaqstant, tali żjut huma kklassifikati taħt subintestaturi differenti minħabba l-proporzjon ta' kostitwenti aromatiċi li fihom u, konsegwentement, għandhom trattament tariffarju differenti. B'riżultat ta' dan, minn April 2013 dawk iż-żjut kienu soġġetti għal dazju ta' 1,7%.

Madankollu, fl-interess tal-operaturi ekonomiċi, dawn iż-żewġ żjut, indipendentement mill-kontenut aromatiku tagħhom, meta jkunu maħsuba biex jgħaddu minn "proċess speċifiku" kif definit fin-Nota Addizzjonali 5 tal-Kapitolu 27 (distillazzjoni f'vakwu, cracking, riformazzjoni u eċċ.) u soġġetti għal proċedura tal-użu aħħari stabbilita fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93<sup>2</sup>, għandhom b'mod awtonomu jiġu eżentati mid-dazji doganali, sakemm dan il-proċess ikun sar. Ta' min jinnota wkoll li, mill-1 ta' Lulju 2014, ingħatat sospensjoni temporanja tad-dazji awtonomi tat-tariffa doganali komuni għal dawn il-prodotti mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1387/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013<sup>3</sup>.

Għaldaqstant, dan l-abbozz għandu l-għan li jipproponi l-istess trattament tariffarju għall-istess kategoriji ta' prodotti, indipendentement mill-klassifikazzjoni rispettiva tagħhom fid-data tal-pubblikazzjoni tan-Nota ta' Spjegazzjoni għan-Nomenklatura Magħquda imsemmija hawn fuq, sabiex ikun hemm trattament ġust għall-operaturi ekonomiċi kollha u biex tiġi evitata lakuna fit-trattament mingħajr dazju li prodotti bħal dawn ilhom igawdu mill-1968.

Il-proposta meħmuża hija meqjusa approċċ bilanċjat li jqis il-kuntest legali u l-interessi tal-partijiet ikkonċernati differenti, billi tipprovdi, mingħajr kwalunkwe interruzzjoni, l-istess trattament tariffarju matul iż-żmien.

Il-proposta hija konformi mal-politiki tal-kummerċ estern u tal-industrija tal-Unjoni.

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, huwa propost li r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 jiġi emendat kif xieraq.

<sup>1</sup> In-Noti ta' Spjegazzjoni għan-Nomenklatura Magħquda (ĠU C 96, 4.4.2013, p. 23).

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1387/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 201)

## **2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

It-Taqsima dwar in-Nomenklatura tat-Tariffa u l-Istatistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali (is-settur NM) kienet ikkonsultata fit-23 ta' Mejju 2014 u fis-17-18 ta' Lulju 2014.

It-Taqsima dwar in-Nomenklatura tat-Tariffa u l-Istatistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali (is-settur tal-Agricoltura/Kimika) kienet ikkonsultata fl-4-6 ta' Ġunju 2014.

Il-Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta' Ekonomija Tariffarja kien ikkonsultat fid-19-21 ta' Mejju 2014, it-18 ta' Ġunju 2014 u l-14-15 ta' Lulju 2014.

Il-partijiet ikkonċernati diġa talbu għas-sospensjoni tad-dazji awtonomi tat-tariffa doganali komuni li kienet ingħatat fuq dawn il-prodotti mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 722/2014. L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jippermetti l-ħlas lura ta' dazji mħallsa bejn April 2013 u Ġunju 2014.

## **3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA**

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta huwa l-Artikolu 31 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-prinċipju ta' sussidjarjetà ma japplikax, billi l-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni.

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba li, kif previst mit-Trattat, tteġġeg il-kummerċ bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi u tibbilanċja l-interess kummerċjali tal-operatur ekonomiki mingħajr ma tibdel l-iskeda tad-WTO tal-UE.

Bis-saħħa tal-Artikolu 31 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-rata tat-tariffa awtonoma hija stabbilita mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni.

## **4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

Huwa diffiċli li wieħed jaqsmel stima tat-telf tar-riżorsi proprji involuti, minħabba n-nuqqas ta' statistika dettaljata dwar l-importazzjonijiet ta' dawn il-prodotti matul il-perjodu meta dawn ma kinux eżentati mid-dazji. It-telf tad-dħul f'Riżorsi Proprji Tradizzjonali huwa stmat fil-medda ta' EUR 29,4 miljun fuq bażi annwali (abbażi tal-istatistika tal-importazzjoni skont il-kodiċi TARIC matul Lulju-Awwissu 2014). Għal perjodu ta' 15-il xahar (bejn 04/04/2013 u 31/06/2014), l-ammont huwa stmat li kien fil-medda ta' EUR 36,7 miljun fid-dawl tal-fatt li ma tħallsu l-ebda dazji sal-04/04/2013 u li mill-01/07/2014 mhumiex jitħallsu dazji.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**dwar is-sospensjoni ta' dazji doganali applikabli għal importazzjonijiet ta' ċerti żjut tqal u prodotti simili oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fin-Nomenklatura Magħquda stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87<sup>4</sup>, taħt l-intestatura 2710, id-dazji għandhom jiġu sospiżi, b'mod awtonomu, fuq ċerti żjut li l-piż tal-kostitwenti mhux aromatiċi tagħhom jaqbeż dak tal-kostitwenti aromatiċi meta dawn iż-żjut ikunu maħsuba biex jgħaddu minn proċessi speċifiċi, sakemm dawk il-prodotti huma soġġetti għall-proċedura tal-użu aħħari stabbilita fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93<sup>5</sup>.
- (2) Ċerti żjut u prodotti oħra li l-piż tal-kostitwenti aromatiċi tagħhom jaqbeż dak tal-kostitwenti mhux aromatiċi kienu, sa April 2013, ukoll ikklassifikati taħt l-intestatura 2710, u b'hekk igawdu minn trattament ta' eżenzjoni mid-dazju għal perjodu indefinit.
- (3) Madankollu, mill-4 ta' April 2013, dawk iż-żjut u prodotti oħra ġew ikklassifikati taħt l-intestatura 2707, mingħajr ebda trattament ta' eżenzjoni mid-dazju. B'effett mill-1 ta' Lulju 2014, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1387/2013<sup>6</sup> tahom sospensjoni awtonoma temporanja tad-dazji.
- (4) Billi fl-Unjoni ma hemm l-ebda provvista ta' żjut u prodotti oħra bħal dawn li l-piż tal-kostitwenti aromatiċi tagħhom jaqbeż dak tal-kostitwenti mhux aromatiċi, dak it-trattament tariffarju favorevoli kellu jiġi applikat mingħajr interruzzjoni sakemm dawk il-prodotti kienu maħsuba biex jgħaddu minn proċessi speċifiċi u l-proċeduri tal-użu aħħari kienu ssodisfati.
- (5) Għaldaqstant, bil-għan li jiġi żgurat b'mod adegwat il-benefiċċju tas-sospensjoni tad-dazji doganali għal dawk il-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2707 99 99, is-sospensjoni għandha tapplika b'effett retroattiv mill-4 ta' April 2013 sat-30 ta' Ġunju 2014,

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1):

<sup>5</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).

<sup>6</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1387/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 201)

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Mill-4 ta' April 2013 sat-30 ta' Ġunju 2014, id-dazji doganali fuq merkanzija li taqa' taħt il-kodiċi NM 2707 99 99 destinati biex jintużaw bħala materja prima tar-raffinerija biex jgħaddu minn wieħed mill-proċessi speċifiċi deskritti fin-nota addizzjonali 5 tal-Kapitolu 27 tat-Tieni Parti tan-Nomenklatura Magħquda stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 huma sospiżi b'mod awtonomu soġġett għall-kundizzjoni li l-proċeduri tal-użu aħħari stabbiliti fl-Artikoli minn 291 sa 300 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 huma ssodisfati.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## **DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**

### **1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

- 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva
- 1.2. Natura tal-proposta/inizjattiva
- 1.3. Għan(ijiet)
- 1.4. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva:
- 1.5. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju
- 1.6. Metodu/i ta' ġestjoni previsti/i

### **2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

### **3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

Stima tal-impatt fuq id-dħul

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

#### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Ir-Regolament tal-Kunsill li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-Nomenklatura tat-Tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni.

#### 1.2. Natura tal-proposta/inizjattiva

Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**<sup>7</sup>

x Il-proposta/inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni riorjentata lejn azzjoni ġdida**

#### 1.3. Għan(ijiet)

##### 1.3.1. *Il-mira/i strateġika/ċi pluriennali tal-Kummissjoni li huma fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

Tipprovdi, fuq bażi awtonoma, trattament ta' eżenzjoni mid-dazju għal ċerti żjut li l-piż tal-kostitwenti mhux aromatiċi tagħhom ma jaqbżix dak tal-kostitwenti aromatiċi, li huma maħsuba biex jgħaddu minn proċess speċifiku.

##### 1.3.2. *Riżultat/i mistenni/ja u l-impatt*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

Sospensjoni tad-dazji awtonomi għal ċerti prodotti (żjut tqal) li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2707 99 99 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-Nomenklatura tat-Tariffa u l-Istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, kif kienu sal-4 ta' April 2013.

#### 1.4. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva:

##### 1.4.1. *Rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati fi żmien qasir jew fit-tul*

Is-sospensjoni tad-dazji fuq żjut minkejja l-kontenut aromatiku tagħhom, sakemm dawn il-prodotti huma maħsuba biex jgħaddu minn proċessi speċifiċi u l-proċeduri tal-użu aħħari ġew issodisfati.

##### 1.4.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta huwa l-Artikolu 31 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-prinċipju ta' sussidjarjetà ma japplikax, billi l-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni.

<sup>7</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

### 1.4.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fil-passat

Il-klassifikazzjoni ta' żjut tqal skont il-piż ta' kostitwenti aromatiċi ma għandux ikollha impatt fuq it-trattament tariffarju tagħha.

### 1.5. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

- Proposta/inizjattiva b'tul ta' żmien limitat
  - X Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-04/04/2013 sat-30/06/2014
  - Impatt finanzjarju mill-SSSS sa SSSS
    - Proposta/inizjattiva ta' **tul taż-żmien illimitat**
  - Implimentazzjoni b'perjodu ta' inizjalizzazzjoni mill-2013,
  - segwit minn tħaddim fuq skala sħiħa.

### 1.6. Metodu/i ta' ġestjoni previst/i<sup>8</sup>

- Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni
  - mis-servizzi tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
  - mill-aġenziji eżekuttivi
- Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri
- Ġestjoni indiretta** permezz tad-delega ta' kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja lil:
  - pajjiżi terzi jew korpi nnominati minnhom;
  - organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
  - il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investment;
  - korpi li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;
  - korpi tal-liġi pubblika;
  - korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
  - korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
  - persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fis-CFSP skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
  - *Jekk ikun indikat aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok aġti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

### Kummenti

Mill-awtoritajiet tal-Istati Membri permezz tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali (il-proċedura tal-“użu-aħħari”).

<sup>8</sup> Id-dettalji dwar il-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit tal-BudgWeb: [http://www.cc.ccc/budg/man/budgmanag/budgmanag\\_en.html](http://www.cc.ccc/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html)

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

Miżuri soġġetti għall-Kontroll Doganali (“użu aħħari”) (l-Artikoli minn 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993)).

### 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

#### 3.1. Stima tal-impatt fuq id-dħul

- Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- x Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
  - x fuq ir-riżorsi proprji
  - fuq id-dħul mixxellanju

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/inizjattiva <sup>9</sup>
		Sena N
L-Artikolu 120		EUR 29,396 miljun;

Speċifika l-metodu għall-kalkulazzjoni tal-impatt fuq id-dħul.

Il-kalkolu tat-telf ta' dħul f'Riżorsi Proprji Tradizzjonali huwa bbażat fuq il-valur tal-importazzjonijiet fl-UE matul il-perjodu ta' xahrejn mill-1 ta' Lulju 2014, għal prodotti taħt il-kodiċi TARIC 2707 99 99 10.

Għandu jiġi nnutat li l-prodotti fil-mira ta' dan l-abbozz ma kinux iħallsu dazji sal-pubblikazzjoni tan-Nota ta' Spjegazzjoni għan-Nomenklatura Magħquda (ĠU C96/23 tal-4.4.2013).

Kif intqal, tali sospensjoni tariffarja ilha fis-seħħ mill-01/07/2014. Għal importazzjonijiet taħt il-Kodiċi TARIC ikkonċernata 192 128 522, EUR 445 għal xahar (1) mingħajr ma jitqiesu preferenzi tariffarji.

Għaldaqstant, l-istima tat-telf totali tad-dħul f'Riżorsi Proprji Tradizzjonali fuq bażi annwali għandha tiġi kkalkulata kif ġej:

$$192\ 128\ 522,445\ € \times 12 = 2\ 305\ 542\ 269,46\ €;$$

$$2\ 305\ 542\ 269,46\ € \times 1,7\ \% = 39\ 194\ 248,58082\ €;$$

$$39\ 194\ 248,58082\ € \times 75\ \% = 29\ 395\ 663,935615\ €;$$

<sup>9</sup> Fir-rigward ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara tnaqqis ta' 25% għall-ispejjeż tal-ġbir.